MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2006

Numru 178/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Cordina**

**V**

**GUIDO DEBATTISTA**
**GEORGE DEBATTISTA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **GUIDO DEBATTISTA** ta’ disgha w erbghin sena bin William u Carmen nee Hili imwieled l-Hamrun nhar l-wiehed w ghoxrin ta’ Lulju 1952 u residenti 606, Triq il-Kbira San Gusepp, Hamrun, detentur ta' karta tal-identita numru 531752M u **GEORGE DEBATTISTA** ta’ disgha w tletin sena bin William u Carmen nee Hili imwieled l-Hamrun nhar t-tnejn w ghoxrin ta’ Awissu 1963 u residenti ‘Victoria’, Triq Anthony Muscat Fenech, Hal Qormi, detentur ta' karta tal-identita numru 530063M

gew imressqa quddiemha akkuzati talli f'dawn l-Gzejjer, f'dan ahhar snin, jigifieri s-sena 1999, 2000, 2001 u fiz-zmien ta' wara, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew b'risoluzzjoni wahda, approprjaw ruhhom billi dawwru bi profitt ghalihom jew ghal persuna ohra, minn diversi somom ta' flus li globalment jeccedu l-elfejn sebgha mija u lira u disgha w sittin centezmu, liema somom ta' flus kienu jappartjenu lil Gvern ta' Malta u persuni ohra, u li kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilhom minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga, jew servizz taghhom jew minhabba depositu necessarju, taht t-titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe li jigu konsenjati lil Gvern ta' Malta.

Rat d-dokument datat sebgha ta' Dicembru 2001 mahruga mid-Dipartiment tal-VAT sabiex jigu inizjati proceduri fil-konfront tal-imputati rigward l-akkuzi naxxenti mill-artikoli 293 u 294 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta esibit bhala dokument CSH 5 a fol 21 et seq tal-atti.

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali datat sbatax ta' Frar 2003 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja esibit fl-atti bhala dokument CSH 4 [fol 20].

Semghet liz-zewg imputati jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita ta' Gudikatura Kriminali kif jirrizulta mill-ezami li sar lilhom nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Frar 2006 ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta [fol 21 et seq].

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u cioe lil Paul Scicluna u lil Ispettur Joeph Cordina jixhdu u lil imputat Guido Debattista jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Semghet lil partijiet jittrattaw l-kawza fis-seduta tat-tlettax ta' Marzu 2006.

Ikkunsidrat:

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta’ Frar 2006, **xehed Paul Scicluna** [fol 23] fejn esibixxa d-dokument CSH 5 li hu dokument mahrug f’isem l-Kummissarju tal-VAT. Qal li fuq dan d-dokument hemm indikat li l-ammont ta’ elfejn u sebgha mitt lira kienu dovuti minn Willis Brothers lejn d-Dipartiment tal-VAT.

Mistoqsi mill-Qorti kif hija maqsuma din s-somma, ix-xhud wiegeb li tkopri l-perjodu ta’ bejn Jannar 1999 u Lulju 2001. Ix-xhud esibixxa wkoll d-denunzji relevanti mibghuta mill-imputat Guido Debattista, w iffirmati minnu stess ghal dan l-istess perjodu, li gew mmarkati bhala dokument CSH 6 [fol 27]. Esibixxa wkoll dokument iehor li jikkonferma l-ammont rikjest mid-Dipartiment tal-VAT llum jinsab mhallas liema dokument gie mmarkat bhala CSH 7 [fol 37].

Ix-xhud spjega li kien minnu li l-imputati bbenefikaw taht xi skema meta hallsu dawn il-pagamenti ndikati fid-dokument CSH 5 u li dik kienet skema li tirrigwarda mahfra ta’ penali jekk is-sorte jithallas.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta’ Frar 2006, **xehed l-Ispettur Joseph Cordina** [fol 39] fejn qal li l-kaz in kwistjoni kien gie nvestigat mill-ex Spettur Helga Debono u wara gie mghoddi lilu. Ix-xhud esibixxa zewg stqarrijiet rilaxxjati mill-imputati odjerni li gew immarkati bhala dokumenti CSH 8 u CSH 9 rispettivament [fol 41 et seq]. Fuq dawn l-istqarrijiet ix-xhud gharaf kemm il-firma tal-ex Spettur Helga Debono u l-firma taz-zewg imputati u kkonferma li dawn gew rilaxxjati wara l-imputati odjerni gew moghtija s-solita twissija.

Semghet lil avukat difensur tal-imputati jeccepixxi l-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 688(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta rigward s-snin 1999 u 2000 u dan fis-seduta tas-sebgha w ghoxrin ta’ Frar 2006.

Illi nhar t-tlettax ta’ Marzu 2004, **xehed l-imputat Guido Debattista** w ikkonferma li huwa minnu li huwa u l-ko-akkuzat George Debattista kellhom jaghtu s-somma ta’ elfejn sebgha mija u lira u disgha w sittin centezmu lid-Dipartiment tal-VAT pero maz-zmien, din is-somma giet imhallsa kollha u dan fi zmien meta l-Gvern kien hareg xi skema fejn dawk li setghu jhallsu l-ammont dovut bhala sorte, jigu ezentati milli jhallsu penali amministrattiva.

Il-Qorti rat wkoll l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat Guido Debattista nhar t-tnejn ta’ Frar 2002 esibita fl-atti bhala dokument CSH 8 [fol 41] u minn ezami tal-istess jirrizulta li verament s-socjeta tieghu Willis Brothers kienet gabret il-flus dovuti lid-Dipartiment tal-VAT u li kien fil-process li jhallas lid-dipartiment pero kien ghaddej minn problemi ma huh Mario w ghalhekk kellu xi mandati ta’ sekwestru mposti fuqu u ma hallilhx jaghmel l-pagamenti dovuti. Kien ghalhekk jghid ix-xhud li waqghu lura fil-pagamenti mad-Dipartiment tal-VAT u xtaq jaghmel *repayment programme* ma dan l-istess dipartiment.

**George Debattista ma xehdtx f’dawn il-proceduri pero kien irrilaxxja stqarrija** nhar l-erbgha w ghoxrin ta’ Ottubru 2002 esibita fl-atti bhala dokument CSH 9 a fol 43. Minn ezami ta’ din l-istqarrija jirrizulta li verament kien gabar flimkien ma huh Guido ghan-nom tal-*partnership* tieghu Willis Borther somma flus li kienet dovuta lid-Dipartiment tal-VAT u li ma kienux hallsuha meta kienu dovuti. Qal li pero kien qed jaghmel pagament mensili sabiex ihallas dak dovut minnhom.

Illi l-imputati fis-seduta tat-tlettax ta’ Marzu 2006, ippresentaw numru ta’ ricevuti li juru li mill-perjodu ta’ bejn t-tlieta w ghoxrin ta’ Jannar 2001 w id-dsatax ta’ Mejju 2004, huma hallsu dak kollu dovut minnhom.

Ikkunsidrat:

Illi dwar l-hlasijiet dovuti ghas-snin 1999 u 2000 d-difiza eccepiet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 688(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi ma hemmx dubbju li r-reat li l-imputati huma akkuzati bih huwa dak ta’ misapproprjazzjoni indebita skond l-artikolu 293 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Issa f’kaz ta’ htija dan r-reat igib piena massima ta’ tmintax il-xahar u jekk aggravat, ghal perjodu massimu ta’ sentejn u dan qabel ma saru l-emendi recenti.

Illi skond l-artikolu 688(a) l-azzjoni preskritta bl-gheluq ta’ hames snin ghad-delitti suggetti ghal piena ta’ prigunerija ghal zmien ta’ inqas minn erbgha snin u mhux inqas minn sena.

Illi dawn l-akkuzi gew mahlufa fil-konfront tal-imputati odjerni nhar s-sebgha w ghoxrin ta’ Frar 2006 u cioe aktar minn hames snin wara s-sena 2001 w ghalhekk fir-rigward ta’ somom ta’ flus dovuti bhala VAT ghas-snin 1999 u 2000 l-azzjoni tirrizulta preskritta w ghalhekk l-eccezzjoni tad-difiza qed tigi milqugha fil-konfront ta’ dawn is-sentejn.

Jibqa ghalhekk biss l-ammont ta’ taxxa li giet migbura ghas-sena 2001 u li ma gietx moghtija lid-Dipartiment tal-VAT fiz-zmien li kienet dovuta u cioe l-ammont ta’ erbgha mija wiehed u tletin lira u disgha w erbghin centezmu li ma humiex preskritti.

Il-Qorti semghet lil avukat difensur jghid fit-trattazzjoni tieghu bla pregudizzju ghal ewwel eccezzjoni tieghu, li r-reat ma jirrizultax ghaliex l-imputati ma kellhomx l-intenzjoni li jzommu l-flus migbura ghal dan d-dipartiment, ghalihom jew li jikkonvertu l-uzu taghhom w ghalhekk l-intenzjoni rikjesta ghal dan r-reat, fil-fehma tieghu, kien nieqes. Id-difiza wkoll ghamlet referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sbatax ta’ April 1998 fl-ismijiet Il-Pulizija v Raymond Falzon fuq dan il-punt.

Il-Qorti bir-rispett kollha ma taqbilx mad-difiza ghaliex fil-fehma taghha, dak li ghamlu l-imputati kien proprju li gabru flus minghand terzi persuni ghan-nom tad-Dipartiment tal-VAT, pero minflok m’ghaddewhom lil VAT Department, kif kienu dovuti jaghmlu, appena rcivewhom, ghamlu uzu divers mill-istess flejjes.

Illi dan l-agir tal-imputati ma hemmx dubbju li jammonta ghar-reat in desamina.

Jirrizulta pero mill-atti llum il-gurnata, li l-imputati hallsu l-ammont kollu dovut lil VAT Departiment u dan qabel ma l-akkuzi odjerni gew mahlufa fil-konfront taghhom w illum ma hemm l-ebda pendenzi bejn id-Dipartiment tal-VAT u l-imputati odjerni.

Il-Qorti rat li l-ammont in kwistjoni u cioe dak li kien li dovut [li mhux preskritt] hu de minimis ghaliex fil-fatt jammonta ghal erbgha mija wiehed u tletin lira u disgha w erbghin centezmu w ghalhekk minhabba din il-premessa, kif wkoll minhabba l-fedina penali relattivament nadifa tal-imputati, l-Qorti ma hiex tal-fehma li timponi piena karcerarja jew pekunjarja.

**Il-Qorti ghalhekk,** wara li rat l-artikoli tal-Ligi u cioe` l-artikolu 293 u 294 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta **tiddikjara li qed ssib lill-imputati GUIDO DEBATTISTA u GEORGE DEBATTISTA hatja tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront taghhom u tiddecidi li tilliberhom bil-kondizzjoni li ma jaghmlux reat iehor ghal perjodu ta' sentejn [2] mill-lum ai termini tal-artikolu 22(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car lil imputati l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li hu jonqsu li josservawaha.**

**L-imputati minn naha taghhom jiddikjaraw li fehmu ben tajjeb l-import ta' din s-sentenza u x'jigri jekk jonqsu li josservawha.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------